**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' Mejju 2022**

**<u>Rikors nru : 49/2022 AGV fl-ismijiet;</u>**

CB

Vs

GA

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors guramentat, ta' CB**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:-

Illi l-partijiet kien kkuntrattaw iz-zwieg fl-14 ta' Lulju 2012 u dan hekk kif jidher minn Dok. A, minn liema zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Michael Laferla, datat tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan hekk kif jidher minn Dok. B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-partijiet ghexu mhux flimkien ghall-perjodu ta' mill-anqas sitt xhur fl-ahhar sena u llum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti, hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju skont l-Artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jitlob li din l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenuta ddikjarat li m' ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju .

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**